# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 64/2016**

Il-Pulizija

vs

**Ali Abdulraziq Alhadi Ararah**

iben Abdulraziq, imwieled Tripoli, fit-22 ta' Novembru, 1987, detentur tal-passaport mahrug mill-Libja numru RYOPG674

Illum, 19 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ali Abdulraziq Alhadi Ararah quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta);

1. Talli nhar l-1 ta' Frar, 2016 f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'dokument Franciz li hu kien jaf li gie ffalsifikat, mibdul jew sar xi tibdil fih, u *cioe*, passaport f'isem Abdulraziq Alhadi Ali bin-numru 09PC3859 (Kap. 61, Sec. 5 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll nakkuzah talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmija (Kap. 9, Sec. 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Kif ukoll nakkuzah talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifika xi dokument jew kopja vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Sec. 32(1)(d) tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61, l-Artikoli 17, 31, 189 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu, u kkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant Ali Abdulraziq Alhadi Ararah, minnu pprezentat fil-15 ta' Frar, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkancella s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull htija, jew tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn il-Qorti sabet htija, u thassar f'dik il-parti fejn erogat il-piena ta' prigunerija effettiva, u minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena iktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellanti u *cioe*:-

Illi l-appellant kien spjega mill-ewwel ir-raguni ghaliex huwa kien agixxa b'dan il-mod. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju, u dan *stante* li l-piena erogata mill-ewwel Qorti, fl-umli opinjoni tal-appellant kienet wahda eccessiva, u esagerata, u dan minhabba r-ragunijiet li gejjin;

Illi l-appellant dejjem kien onest mal-pulizija Maltija, u fil-fatt, kif huwa wasal Malta, huwa ddikjara l-vera identita' tieghu kif ukoll pproduca l-passaport awtentiku tieghu Libjan;

Illi l-allegat reat sar gewwa Franza u l-ewwel Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni fuq dan;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant ghamel rikors tal-appell fil-15 ta' Frar, 2016;

Illi l-Qorti giet informata fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2018 li l-appellant skonta s-sentenza tieghu;

Illi b'nota tad-29 ta' Mejju, 2018 l-appellant ipprezenta nota fejn hu rtira l-appell tieghu;

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors.